MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRAZIELLA BEZZINA**

Seduta tas-7 ta' Dicembru, 2012

Talba Numru. 666/2012

**Coleiro General Supplies Limited**
**C-3429**

**vs**

**Scicluna Mario**
**ID-110073 M**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici ddikjarat illi l-ammont ta' hames mija u sitta u tmenin Ewro u sitta u sebghin centezmu (€586.76c) dovut lis-socjeta' attrici, jirraprezenta bilanc dovut fuq prezz ta' xiri ta' merkanzija kkonsenjata lill-konvenut fuq ordni tieghu stess, skond kif jirrizulta mill-istatement of account hawn anness, esebit u mmarkat bhala Dok. A, liema somma baqghet ma thallsitx mill-konvenut minkejja diversi interpellazzjonijiet lilu maghmula.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra bonarja datata 16 ta' Awissu, 2012, u interessi legali sad-data tal-hlas effettiv, kontra l-konvenut li jibqa' ingunt ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra n-nota ta' riduzzjoni li giet pprezentata mis-socjeta' attrici fit-30 ta' Novembru, 2012, u li permezz taghha l-istess talba giet ridotta ghall-ammont ta' erba' mija sitta u tmenin Ewro u sitta u sebghin centezmu (€486.76c).

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondi ghalih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill- konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' erbgha mija sitta u tmenin Ewro u sitta u sebghin centezmu (€486.76c), bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez jkunu a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------